DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-8 ta' Novembru 2007

dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Konvenzjoni, ibbażata fuq l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-iskwalifiki tas-sewqan

(2007/765/KE)

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-2005,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005, u partikolarment l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni, imfassla abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-iskwalifiki tas-sewqan [2] (minn hawn 'il quddem imsejħa "l-Konvenzjoni dwar l-iskwalifiki tas-sewqan") ġiet magħmula fil-Lussemburgu fis-17 ta' Ġunju ta' l-1998 iżda għadha ma daħlitx fis-seħħ.

(2) L-Artikolu 3(3) ta' l-Att ta' Adeżjoni jipprovdi li l-Bulgarija u r-Rumanija jaderixxu mal-konvenzjonijiet u protokolli, elenkati fl-Anness I ma' l-Att ta' l-Adeżjoni, li jinkludi, *inter alia*, il-Konvenzjoni dwar l-Iskwalifiki tas-Sewqan. Fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija dawn għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data deċiża mill-Kunsill.

(3) Skond l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, il-Kunsill għandu jagħmel l-aġġustamenti kollha meħtieġa minħabba l-adeżjoni ma' dawk il-konvenzjonijiet u protokolli,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Konvenzjoni fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija dwar l-iskwalifiki tas-sewqan għandha tidħol fis-seħħ fid-data li tidħol fis-seħħ għall-Istati Membri li oriġinarjament kienu firmatarji.

Artikolu 2

It-test tal-Konvenzjoni dwar l-iskwalifiki tas-sewqan imfassla fil-lingwa Bulgara u fil-lingwa Rumena u anness ma' din id-Deċiżjoni [3], għandu jkun awtentiku skond l-istess kundizzjonijiet bħat-testi l-oħrajn tal-Konvenzjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 8 ta' Novembru 2007.

Għall-Kunsill

Il–President

R. PEREIRA

---

[1] Opinjoni ta' l-10.7.2007 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU C 216, 10.7.1998, p. 1.

[3] Il-verżjoni Bulgara u Rumena tal-Konvenzjoni għandhom ikunu ppubblikati fl-edizzjoni speċjali tal-ĠU f'data aktard tard.